

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Société BP France

Konvenuti Ministre de l'Économie, des Finances et de la Souveraineté industrielle et numérique

Domandi preliminari

- 1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 17 u 18 tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat 23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE⁽¹⁾, u dawk tal-Artikolu 30 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal 11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulazzjoni)⁽²⁾. għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-mekkaniżmi ta' traċċar tal-bilanċ tal-massa, u s-sistemi nazzjonali jew volontarji li huma jipprevedu, li għandhom bħala suġġett biss l-evalwazzjoni u l-ġustifikazzjoni tad-durabbiltà tal-materji primi u tal-bijokkarburanti kif ukoll tat-taħlit tagħhom, u b'hekk ma għandhomx bħala suġġett li jissorveljaw s-segwitu u t-traċċar, fi ħdan il-prodotti lesti minn ko-ipproċessar, min-naħa tal-enerġija tal-oriġini rinnovabbli inkluża f'dawn il-prodotti u b'riżultat ta' dan, li jarmonizzaw t-teħid inkonsiderazzjoni tal-enerġija inkluża ftali prodotti bil-għanijiet intiżi fl-Artikolu 17(1)(a), (b) u (c) tad-Direttiva 2009/28 u fl-Artikolu 25 kif ukoll fl-ewwel subparagrafu punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 29(1) tad-Direttiva 2018/2001?
- 2) F'każ ta' risposta negattiva għad-domanda preċedenti, dawn l-istess dispożizzjonijiet jipprekludu lil Stat Membru, biex jiffissa l-kwantità ta' żjut veġetal idrottrattati (iktar 'il quddiem "HVO") li għandhom jinżammu fid-dħul tal-kontijiet tal-istokk li l-operaturi għandhom iżommu għall-finijiet tal-istabbiliment ta' taxxa ta' incenċiv għall-inkorporazzjoni ta' bijokkarbonati, illiberati f'dan l-Istat Membru meta l-parti tal-enerġija rinnovabbli fil-karburanti rilaxxati għall-konsum matul is-sena kalendarja hija inferjuri għal perċentwali nazzjonali fil-mira ta' inkorporazzjoni ta' enerġija rinnovabbli fit-trasporti, teħtieġ, mal-wasla fl-ewwel maħażen tat-taxxa nazzjonali ta' importazzjoni ta' karburanti li huma inkluża fil-prodotti HVO fi Stat Membru ieħor fil-kuntest ta' proċess ta' ko-trattament, it-twettiq ta' analiżi fiżika tal-kontenut fil-HVO ta' dawn il-karburanti, inkluż meta l-fabrika li fiha dawn il-karburanti ġew prodotti b'użu ta' sistema ta' bilanċ tal-massa ċċertifikata minn sistema voluntarja rikonoxxuta mill-Kummissjoni bħala skema kompleta?
- 3) Id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-istipulazzjoni tal-Artikolu 34 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jipprekludi miżura ta' Stat Membru bħal dik deskritta (fit-tieni domanda), hekk li, minn naħa, il-karburanti li jinkludu l-bijokkarburanti li jirriżultaw mill-ko-pproċessar fi ħdan ir-raffinerija sitwata fit-territorju tiegħu ma humiex suġġetti, meta huma rilaxxati għall-konsum f'dan l-Istat Membru direttament li ħierġin mill-fabrika, għal tali analiżi fiżika, u b'hekk, min-naħa l-oħra, li dan l-Istat Membru jaċċetta, biex jiġi ddeterminat li ħiereġ minn fabbrika eż-żejt jew minn stabbiliment fiskali nazzjonali l-kontenut f'bijokkarburanti li jistgħu jiġu alloki għall-bżonnijiet tat-taxxa bejn iċ-ċertifikati ta' kontenut maħruġin fperijodu, li jevalwa abbażi ta' medju ta' inkorporazzjoni ta' kull xahar tal-istabbiliment jew tal-fabrika l-kontenut f'bijokkarburanti tal-esportazzjoni jew tar-riċċax għall-konsum f'setturi oħra minbarra t-trasport?

⁽¹⁾ (ĠU 2009, L 140, p. 16).

⁽²⁾ (ĠU 2018, L 328, p. 82).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Milano (l-Italja) fit-3 ta' Ottubru 2022 – C. Z., M. C., S. P. et vs Ilva SpA f'amministrazzjoni straordinarja, Acciaierie d'Italia Holding SpA, Acciaierie d'Italia SpA

(Kawża C-626/22)

(2023/C 15/28)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale di Milano

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: C. Z., M. C., S. P. et

Konvenuti: Ilva SpA f'amministrazzjoni straordinarja, Acciaierie d'Italia Holding SpA, Acciaierie d'Italia SpA

Domandi preliminari

- 1) Id-Direttiva 2010/75/UE⁽¹⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis), u b'mod partikolari l-premessi 4, 18, 34, 28 u 29 u l-Artikoli 3(2), 11, 12 u 23 [ta' tali direttiva], u l-prinċipju ta' prekawzjoni u ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem previsti fl-Artikoli 191 TFUE u 174 tat-Trattat [K]E jistgħu jiġi interpretati fis-sens li, b'applikazzjoni ta' liġi nazzjonali ta' Stat Membru, tali Stat Membru jingħata l-possibleità li jipprevedi li l-Evalwazzjoni tad-Danni għas-Saħħa (EDS) tikkostitwixxi att-separat mill-proċedura ta' ħruġ u ta' eżami mill-ġdid tal-Awtorizzazzjoni Ambjentali Integrata (AAI) – f'dan il-każ id-[Digriet tal-President tal-Kunsill tal-Ministri (DPKM)] 2017 – u li l-formulazzjoni tagħha tista' tkun ħielsa minn effetti awtomatiċi f'termini ta' teħid inkunsiderazzjoni effettiv u fi żmien utli min-naħa tal-awtorità kompetenti fil-kuntest ta' proċedura ta' eżami mill-ġdid tal-AAI/DPKM speċjalment meta din l-evalwazzjoni tipprovdi riżultati li juru n-natura mhux aċċettabbli tar-riskju għas-saħħa għal popolazzjoni numeruża esposta għall-emissjonijiet li jniġġsu; jew inkella li d-direttiva għandha tīgi interpretata fis-sens li (i) ir-riskju tollerabbli għas-saħħa tal-bniedem jista' jiġi evalwat permezz ta' analiżi xjentifika ta' natura epidemjoloġika; (ii) l-EDS għandha tikkostitwixxi att li jisforma parti integrali mill-proċedura ta' ħruġ u ta' eżami mill-ġdid tal-AAI/DPKM, jekk mhux saħansitra tkun kundizzjoni minn qabel neċċessarja għaliha, u għandha b'mod partikolari tittieħed inkunsiderazzjoni b'mod obbligatorju, effettiv u fi żmien utli mill-awtorità kompetenti sabiex toħroġ jew teżamina mill-ġdid l-AAI?
- 2) Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis), u b'mod partikolari l-premessi 4, [15], 18, 21, 34, 28 u 29 u l-Artikoli 3(2), 11, 14, 15, 18 u 21 jistgħu jiġi interpretati fis-sens li, b'applikazzjoni ta' liġi nazzjonali ta' Stat Membru, tali Stat Membru għandu jipprevedi li l-awtorizzazzjoni ambjentali integrata (f'dan il-każ id-AAI 2012, DPKM 2014, DPKM 2017) għandha dejjem tieħu inkunsiderazzjoni s-sustanzi kollha li huma s-suġġett ta' emissjonijiet li huma xjentifikament magħrufa bħala ta' ħsara, inklużi l-frazzjonijiet ta' PM10 u PM2.5, li f'kull każ jorigħaw mill-installazzjoni li hija s-suġġett tal-evalwazzjoni; jew inkella li d-direttiva tista' tīgi interpretata fis-sens li l-Awtorizzazzjoni Ambjentali Integrata (il-miżura amministrativa ta' awtorizzazzjoni) għandha tinkludi biss sustanzi li jniġġsu previsti a priori minħabba n-natura u t-tip ta' attivitā industrijali eżerċitata?
- 3) Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis), u b'mod partikolari l-premessi 4, 18, 21, 22, 28, 29, 34, u 43 kif ukoll l-Artikoli 3(2) u (25), 11, 14, 16, 18 u 21 jistgħu jiġi interpretati fis-sens li, b'applikazzjoni ta' liġi nazzjonali ta' Stat Membru, tali Stat Membru, meta jkun hemm attivitā industrijali li tinvölv perikoli gravi u sinjifikattivi għall-integrità tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem, jista' jiddiferixxi b'ċirka seba' snin u nofs meta mqabbel mat-terminu inizjalment previst, u għal tul totali ta' ħdax-il sena, it-terminu mogħti lill-operatur sabiex jikkonforma l-attivitā industrijali mal-awtorizzazzjoni mogħtija, bl-applikazzjoni ta' miżuri u ta' azzjonijiet ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa previsti fiha?

⁽¹⁾ ĠU 2010, L 334, p. 17 bir-rettifica fil-ĠU 2012, L 158, p. 25

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Köln (il-Ġermanja) fl-4 ta' Ottubru 2022 – AB vs Finanzamt Köln-Süd

(Kawża C-627/22)

(2023/C 15/29)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Köln